# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Gunju 2022**

**Rikors Numru : 230/2022 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**EG**

**U**

**JB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' EG u JB datat 4 ta' Mejju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u disgha u temnin (1989) liema zwieg kien gie rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv numru 109/89 kif muri fl-anness dokument immarkat Dok. A.*

*Illi l-partijiet ilhom separati legalment mis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond il-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler (Dok B.);*

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, DB li llum huwa maggorenni stante illi twieled f'X.*

*Illi ghaddew diversi snin mis-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet jaqblu illi galadarba jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, huma jixtiequ jersqu ghall-hall taz-zwieg taghhom u ghad-divorzju ta' bejniethom.*

*Ghaldaqstant l-esponenti EG u JB umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg ta' bejniethom jigi ddikjarat bhala mahlul u li l-partijiet jigu dikjarati divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registrat Pubbliku skond il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JB xehed** (vide affidavit fol 2) illi l-partijiet zzewgu nhar l-4 ta' Frar 1989 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggiorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar is-7 ta' Jannar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler. Xehed ilhom jghixu separatament mill-2003 u ma hemm ebda pendenzi bejniethom. Lanqas ma hemm tama ta' rikonciljazzjoni.

**EG xehdet** (vide affidavit fol 3) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-4 ta' Frar 1989 liema zwieg jgib certifikat numru 109/1989 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler nhar is-7 ta' Jannar 2003 (vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 109/1989 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**